# SOLUZZJONIJIET MILL-KORAN IMQADDES DWAR IL-KRIŻI GLOBALI

Mogħtija minn Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Khalifatul Masiħ V,
Kap tal-Komunità  Aħmadija Musulmana, mferrxa mad-dinja kollha,
fil-Parlament Brittaniku nhar it-22 t'Ottubru 2008.




L-ewwelnett nixtieq nirringrazzja lill-onorevoli u rispettati Membri tal-Parlament, mistednin li ppermettew lil kap ta' organizzazzjoni reliġjuża biex jgħidilkom kelmtejn. Jien grat ħafna lejn ir-rispettabbli Membru Parlamentari tagħna Justine Greening mir-reġjun tagħna, li tant ħadmet biex torganizza dan l-avveniment b'ġieħ il-komunità żgħira tal-kostitwenza tagħha fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju tal-Khilafat. Dak juri l-kobor tagħha, il-qalb miftuħa tagħha u t-tħassib tagħha għas-sentimenti ta' kull poplu u kull komunità fil-kostitwenza tagħha.

Għalkemm il-Komunità Aħmadija Musulmana hi komunità żgħira, hi l-komunità li terfa' l-istendard u li hi r-rappreżentanta tat-tagħlim veru tal-Iżlam. Madankollu, jkolli ngħid li kull Aħmadi li jgħix fil-Gran Brittanja hu estremament ċittadin leali tal-pajjiż u jħobbu; u dan hu minħabba t-tagħlim tal-Profeta tagħna (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) li għallimna li l-imħabba lejn pajjiżu hi parti integrali tal-fidi tiegħu. It-tagħlim tal-Iżlam ġie aktar elaborat u enfasizzat mill-fundatur tal-Komunità Aħmadija li aħna nemmnu hu l-Messija Mwiegħed u r-Riformatur ta' dan iż-Żmien.

Hu beda billi ħabbar l-affermazzjoni tiegħu li Alla li Jista' Kollox poġġa żewġ piżijiet fuqi. Wieħed hu d-dritt ta' Alla u l-ieħor il-piż tal-ħolqien ta' Alla. Kompla jgħid li taqdi d-dmir u tagħti d-drittijiet tagħhom lill-ħolqien t'Alla kienet l-iktar sfida diffiċli u delikata.

B'riferenza għall-Khilafat, intom tistgħu tibżgħu li jista' jiġi żmien meta l-istorja tirrepeti ruħha u li jistgħu jinqalgħu gwerer b'riżulat ta' din il-forma ta' tmexxija. Ħalluni, madankollu, nassigurakom li għalkemm din l-akkuża titpoġġa kontra l-Iżlam, Jekk Alla Jrid, l-Aħmadija Khilafat dejjem tkun magħrufa bħala dik li tkun fuq quddiem nett biex tmexxi l-kawża għall-paċi u għall-armonija fid-dinja, kif ukoll li tkun leali lejn il-pajjiż fejn il-membri tagħha jkunu joqogħdu.

Il-Khilafat tal-Aħmadija qiegħed ukoll hawn biex jipperpetwa u jkompli l-missjoni tal-Messija u l-Maħdi, għalhekk assolutament m'hemm l-ebda raġuni ta' biża' mill-Khilafat. Dan il-Khilafat jiġbed l-attenzjoni tal-membri tal-komunità lejn it-twettiq ta' dawn iż-żewġ obligazzjonijiet li għalihom, il-Messija Mwiegħed (il-paċi ta' Alla tkun miegħu) ġie u bħala riżulat jipprova joħloq paċi u armonija fid-dinja.




Issa, minħabba li l-ħin hu limitat niġi għas-suġġett. Jekk inħarsu lejn l-aħħar ftit sekli imparzjalment, ninnotaw li l-gwerer tul dak il-perijodu ma kinux verament gwerer reliġużi. Kienu aktar geopolitiċi fin-natura tagħhom. Anke f'dawn il-kunflitti u ostilitajiet tal-lum bejn in-nazzjonijiet, aħna ninnotaw li jinqalgħu minn interessi politiċi, territorjali u ekonomiċi.

Hu l-biża' tiegħi li meta nħarsu lejn id-direzzjoni li fiha mexjin l-affarijiet illum, id-dinamika politika u ekonomika tal-pajjiżi tad-dinja tista' tressaqna lejn gwerra dinjija. Mhux biss il-pajjiżi foqra tad-dinja, iżda wkoll il-pajjiżi sinjuri li qed jiġu affetwati. Għalhekk, hu d-dmir tas-superpotenzi li joqogħdu bil-qiegħda u jsibu soluzzjoni biex isalvaw l-umanità mix-xifer tad-diżastru.

Il-Gran Brittanja hi waħda minn dawk il-pajjiżi li jstgħu u jeżerċitaw influwenza fid-dinja żviluppata kif ukoll fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. Tistgħu tiggwidaw din id-dinja, jekk intom hekk tixtiequ, billi twettqu l-ħtiġijiet ta' ekwità u ġustizzja.

Jekk inħarsu lejn il-passat riċenti, il-Gran Brittanja kienet tiggverna fuq ħafna pajjiżi u ħalliet warajha livell għoli ta' gustizzja u ħelsien reliġjuż, l-iktar fis-Subkontinent tal-Indja u l-Pakistan. Il-Komunità Aħmadija Musulmana kienet xhieda ta' dan u l-Fundatur tal-Komunità Aħmadija faħħar bil-kbir il-Gvern Brittaniku tal-politika ta' ġustizzja u li kkonċeda ħelsien reliġjuż. Meta l-Fundatur tal-Komunità Aħmadija feraħ lill-Maestà Tagħha, ir-Reġina Vittorja fil-Ġublew tad-Djamanti u wasslilha l-messaġġ tal-Iżlam, hu talab speċifikament li bil-mod kif il-Gvern Brittaniku jaqdi d-dmir tal-ħtiġijiet ta' ġustizzja b'ekwità, j'Alla Alla s-Setgħan jippremjah b'ġenerożità. Għalhekk, l-istorja tagħna turi li aħna dejjem aċċettajna din il-ġustizzja kulmeta kienet esposta mill-Gran Brittanja u aħna nittamaw li, fil-futur ukoll il-ġustizzja tibqa' karatteristika definita tal-Gvern Brittaniku mhux biss fejn għandha x'taqsam ir-reliġjon iżda f'kull aspett u li intom qatt ma tinsew il-kwalitajiet tajba tagħkom tal-passat.

Illum, hemm taqlib kbir u nuqqas ta' kwiet fid-dinja. Qegħdin naraw gwerer fuq skala żgħira jqumu, waqt li f'xi postijiet is-superpotenzi qed jgħidu li qed jippruvaw iġbu l-paċi. Jekk dak kollu li hu meħtieġ mill-ġustizzja ma jintlaħaqx, in-nirien u l-fjami ta' dawn il-gwerer lokali jistgħu jiskalaw u jinvolvu d-dinja kollha. Għalhekk, hi t-talba umli tiegħi lilkom biex issalvaw id-dinja mill-qerda!

Issa, jien fil-qosor sejjer insemmi dak it-tagħlim tal-Iżlam biex ikun hawn il-paċi fid-dinja, jew kif il-paċi tista' tiġi stabbilita fid-dinja fid-dawl ta' dan it-tagħlim. Hija t-talba tiegħi li biex noħolqu l-paċi fid-dinja dawk li qed jiġu ndirizzati l-ewwel, jiġifieri l-Misilmin, ikunu jistgħu jattwawhom, iżda hu d-dmir tal-pajjiżi kollha tad-dinja – superpotenzi jew gvernijiet li jattwawhom.

F'dan iż-żmien meta d-dinja litteralment inxtorbot biex saret raħal globali f'mod li qatt ħadd ma kien immaġina qabel, għandna nirrealizzaw ir-responsabbiltajiet tagħna bħala bnedmin u għandna nippruvaw nitfgħu l-attenzjoni tagħna biex insolvu dawk l-argumenti importanti għad-diskussjoni fuq id-Drittijiet Umani li jistgħu jgħinu jistabbilixxu paċi fid-dinja. B'mod ċar, dan it-tentattiv għandu jkun ibbażat fuq trattament ugwali għal kulħadd bla diskriminazzjoni u li jattwaw il-ħtiġijiet kollha tal-ġustizzja.

Fost il-problemi tal-lum, spikkat problema waħda, jekk mhux direttament indirettament, minħabba r-reliġjon. Xi gruppi tal-Misilmin qed jagħmlu attakki illegali u jużaw nies li jikkommettu attakki suwiċidali billi jisplodu biex joqtlu u jweġġgħu lil dawk li mhumiex Musulmani, inklużi suldati u nies ċivili innoċenti u fl-istess ħin joqtlu brutalment Musulmani innoċenti u tfal. Dan l-att krudil hu totalment inaċċettabbli għall-Iżlam.

Minħabba din l-imġiba tal-waħx ta' xi Musulmani, żviluppat impressjoni totalment ħażina f'pajjiżi mhux Musulmani u bħala riżultat ċerti membri tas-soċjetà jitkellmu bil-miftuħ kontra l-Iżlam, waqt li oħrajn, għalkemm mhux bil-miftuħ, m'għandhomx opinjoni tajba ta' l-Iżlam ġewwa qalbhom. Dan il-fatt ħoloq nuqqas ta' fiduċja fil-qlub ta' dawk in-nies tal-pajjiżi tal-Punent u ta' dawk il-pajjiżi mhux Musulmani u minħabba din l-attitudni ta' ftit Musulmani, minflok ma s-sitwazzjoni titjieb, ir-reazzjoni ta' dawk li mhux Musulmani kuljum sejra għall-agħar.

Eżempju tal-aqwa importanza ta' din ir-reazzjoni żbaljata hu l-attakk fuq il-karattru tal-Profeta Qaddis ta' l-Iżlam (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) u fuq il-Koran Imqaddes, il-Ktieb Sagru tal-Misilmin. F'dan ir-rigward, l-attitudni tal-politikanti Brittaniċi, hu liema hu l-partit tagħhom, u tal-intelletwali fil-Gran Briitanja, m'hijiex l-istess bħal dik murija minn politikanti ta' xi pajjiżi oħra u jien nirringrazzjakom għal dan. X'inhu l-benefiċċju li tweġġa' s-sensittività tal-Musulmani minbarra li żżid il-mibegħda u l-antipatija? Din il-mibegħda tixpruna ċerti Musulmani estremisti biex jikkommettu għemejjel mhux Iżlamiċi li, mill-banda l-oħra, tipprovdi aktar opportunità lil numru ta' dawk li mhux Musulmani biex juru l-oppożizzjoni tagħhom.

Madankollu, dawk li m'humiex estremisti u li jħobbu minn qalbhom il-Profeta Qaddis tal-Iżlam (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) huma mweġġgħin ħafna b'dawn l-attakki u hawn, il-Ġamaat Aħmadija (jew il-Komunità Aħmadija) qiegħda fuq quddiem.

L-iktar biċċa xogħol importanti tagħna hi li nuru lid-dinja l-karattru perfett tal-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) u t-tagħlim sabiħ tal-Iżlam. Aħna, li nirrispettaw u nqimu lill-profeti kollha (il-paċi ta' Alla tkun magħhom) u nemmnu li kollha huma l-messaġġiera mibgħuta minn Alla, ma nistgħu ngħidu xejn b'disprezz kontrihom; iżda nsewdu qalbna ħafna meta nisimgħu allegazzjonijiet bla bażi u mhux veri kontra l-Profeta tagħna.

Illum, meta d-dinja qed tiġi maqsuma fi blokki, l-estremiżmu qed jiżdied, u s-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika qed teħżien, hemm ħtieġa urġenti biex

inwaqqfu kull xorta ta' mibegħda u nqiegħdu l-pedamenti tal-paċi. Dan jista' jsir biss billi nirrispettaw kull xorta ta' sentimenti ta' xulxin. Jekk dan mhux se jsir sewwa, bl-onestà u bil-virtù jikber f'ċirkustanzi li ma tikkontrollahomx. Napprezza li pajjiżi tal-Punent ekonomikament sodi ippermettew ġenerożament in-nies ta' pajjiżi foqra u sotto-żviluppati biex jissetiljaw fil-pajjiżi rispettivi tagħhom u fost dawn hemm Musulmani wkoll.

Ġustizzja vera teħtieġ li s-sentimenti u l-prattiċi reliġjużi ta' dawn in-nies għandhom jiġu onorati wkoll. Dan hu l-mod li bih il-paċi tal-moħħ u tan-nies ikunu jistgħu jibqgħu intatti. Għandna niftakru li meta l-paċi tal-moħħ tal-bniedem tiġi ddisturbata, imbagħad il-paċi tal-moħħ tas-soċjetà tkun affettwata wkoll.

Kif għedt qabel, jien grat lejn il-leġiżlaturi u l-politikanti Brittaniċi li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-ġustizzja u li ma jindaħlux f'din il-ħaġa (tar-reliġjon). Dan, fil-fatt, hu t-tagħlim tal-Iżlam li hu mogħti lilna mill-Koran Imqaddes. Il-Koran Imqaddes jiddikjara li:

"M'għandux ikun hemm sfurzar fir-reliġjon." (Kapitlu 2 : Vers 257)

Dan il-kmandament mhux biss jikkumbatti l-akkuża li l-Iżlam infirex bix-xabla, iżda wkoll jgħid lill-Musulmani li l-aċċettazzjoni tal-fidi hi ħaġa ta' bejn il-bniedem u l-Alla tiegħu u m'għandekx tindaħallu bl-ebda mod. Kulħadd hu permess li jgħix skont il-fidi tiegħu u li jesegwixxi r-ritwali reliġjuzi tiegħu. Madankollu, jekk hemm xi prattiċi magħmula f'isem ir-reliġjon li jweġġgħu lil oħrajn u jmorru kontra l-liġi tal-pajjiż, allura dawk li jinfurzaw il-liġi ta' l-Istat jistgħu jieħdu azzjoni għaliex jekk hemm xi ritwal kattiv li qiegħed jiġi pprattikat f'xi reliġjon, ma jistax ikun it-tagħlim ta' xi Profeta ta' Alla.

Dan hu prinċipju fundamentali biex nistabbilixxu l-paċi fuq livell lokali kif ukoll fuq livell internazzjonali.

Barra minn dan, l-Iżlam jgħallimna li jekk bħala riżultat ta' bdil ta' twemmin, kull soċjetà jew grupp jew gvern jipprova jindaħal fl-osservanza tal-prattika tar-reliġjon, u minn hemm 'il quddiem iċ-ċirkuztanzi jinbidlu favur tiegħek, imbagħad ftakar dejjem li int ma jkollokx la ħjiena u lanqas xewqat ta' deni. M'għandekx taħseb kif tivvendika ruħek iżda kif tistabbilixxi ġustizzja u ekwità.

Il-Koran Imqaddes jgħid:

"O intom kollha li temmnu! Kunu sodi fil-kawża ta' Alla, tagħtu xhieda f'ekwità (prinċipji ta' ġustizzja); u tħallux il-mibegħda ta' poplu xxewwixkom biex taġixxu b'mod ieħor ħlief b'ġustizzja. Kunu dejjem ġusti, hekk tkunu aktar qrib il-ġustizzja. U ibżgħu minn Alla. Alla hu konxju ta' kulma tagħmlu." (Kap 5 : Vers 9)

Dan hu t-tagħlim għall-paċi f'soċjetà. Qatt titilqu mill-ġustizzja, lanqas għall-għadu tiegħek.

L-istorja bikrija tal-Iżlam turina li dan it-tagħlim kienu jimxu fuqu u l-kmand tal-ġustizzja kien jiġi ssodisfat. Ma nistax nagħti ħafna eżempji ta' dan, iżda l-istorja hi xhud tal-fatt li wara l-Vittorja ta' Makkah, il-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) ma vvendikax ruħu minn dawk li kienu tturmentawh iżda ħafrilhom u ħalliehom iżommu t-twemmin tagħhom rispettiv. Illum, il-paċi tista' tiġi stabbilita biss jekk il-ħtiġiet kollha ta' ġustizzja jintlaqgħu mill-għedewwa, mhux biss fi gwerer kontra reliġjonijiet estremisti iżda wkoll

fil-gwerer l-oħra kollha. U paċi biss bħal din tibqa' għat-tul.

Matul is-seklu l-ieħor, kien hemm żewġ gwerer dinjija. Kienu x'kienu l-kawżi, jekk inħarsu fil-fond, kawża waħda biss tispikka; u din hi li ġustizzja ma ngħatatx sew fil-bidu. Bħala reazzjoni, dak li kien jidher nar li ntefa kien ġamar li baqa' jaqbad bil-mod, eventwalment jisbroffa fi fjammi u jiċċirkonda d-dinja kollha għat-tieni darba.

Illum, in-nuqqas ta' kwiet qed jiżdied u gwerer u azzjonijiet biex iżommu l-paċi qed juru sinjali ta' gwerra dinjija oħra. Barra dan, il-problemi ekonomiċi u soċjali tal-preżent se jkunu sors li aktar jiggravaw is-sitwazzjoni.

Il-Koran Imqaddes tana ftit prinċipji prezzjużi biex nistabbilixxu l-paċi fid-dinja. Hu fatt stabbilit li r-regħba ġġiegħel il-mibegħda tikber. Kultant timmanifesta ruħha f'espansjoni territorjali jew il-ħtif ta' riżorsi naturali jew ċertament fl-impressjoni tas-superjorità ta' xi wħud fuq oħrajn. Din twassal għal krudeltà, kemm jekk tkun fl-idejn ta' tiranni bla ħniena li jisirqu d-drittijiet tan-nies u jagħtu prova tas-supermazija tagħhom fit-tfittxija tal-interessi personali tagħhom jew f'idejn l-invażuri. Kultant, it-tnewwiħ u d-diqa ta' qalb tal-bnedmin ittrattati bi krudeltà jsejħu għall-għajnuna lid-dinja ta' barra.

Iżda, hu x'inhu, aħna tgħallimna dan il-prinċipju prezzjuż mingħand il-Profeta Qaddis tal-Iżlam, li hu: għin kemm lill-imweġġgħa u lill-krudili.

L-Imsieħba tal-Profeta saqsew li waqt li jifhmu li tingħata għajnuna lill-imweġġgħa, kif jistgħu jgħinu bniedem krudil? Il-Profeta (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) wieġeb billi qal, 'Billi żżommulu idu milli jikkommetti krudeltà għaliex l-eċċess tiegħu fil-krudeltà jagħmluh iktar jistħoqqlu l-kastig t'Alla. Għalhekk, f'ġieħ il-ħniena, ippruvaw salvawh. Dan il-prinċipju jwassal 'il hemm mill-iżgħar ħjut tas-soċjetà sal-livell internazzjonali.

Dwar din il-konnessjoni, il-Koran Imqaddes jgħid:

"U jekk żewġ partijiet ta' dawk li jemmnu jiġġieldu kontra xulxin, ġib il-paċi bejniethom; imbagħad jekk wara wieħed minnhom ikun ħati ta' trasgressjoni kontra l-ieħor, iġġieled kontra dak li hu trasgressur sakemm jasal sal-kmand t'Alla. Imbagħad, jekk jasal, agħmel il-paċi bejniethom bl-ekwità u aġixxi b'ġustizzja. Tassew, Alla jħobb lill-ġust." (Kap 49 : V 10)
Għalkemm dan it-tagħlim hu dwar il-Misilmin, jekk imbagħad inżommu ma' dan il-prinċipju, il-pedament tal-paċi fuq bażi dinjija jkun jista' jitqiegħed.

Sabiex inżommu l-paċi, kien spjegat fil-bidu li l-aktar ħaġa importanti hi l-ġustizzja. U minkejja li nimxu mal-prinċipji tal-ġustizzja, jekk l-isforzi tagħna biex inġibu l-paċi ma jirnexxux, allura ningħaqdu u nikkumbattu flimkien kontra dak il-partit li jkun kiser il-liġi u nibqgħu nikkumbattu sa dak il-mument li fih, il partit li jkun kiser il-liġi jkun lest li jagħmel paċi. Malli l-partit li jkun kiser il-liġi jkun lest li jagħmel paċi, il-ħtieġa tal-ġustizzja hi: Tfittxux il-vendikazzjoni, timponux restrizzjonijiet jew embargo. Bi dritt kollu, żommu għajnejkom miftuħa fuq it-trasgressur iżda fl-istess ħin ippruvaw li ttejbu s-sitwazzjoni tiegħu.

Sabiex intemmu l-inkwiet li hu prevalenti f'ċerti pajjiżi tad-dinja llum – u sfortunatament xi pajjiżi Iżlamiċi huma prominenti fosthom – jeħtieġ partikolarment minn dawk il-pajjiżi li għandhom il-qawwa tal-Veto li janalizzaw u jiddeterminaw jekk il-ġustizzja kinitx

ingħatat sew. Kull meta tkun meħtiġa l-għajnuna, l-idejn dejjem iħarsu lejn in-nazzjonijiet b'saħħithom.

Kif diġà għedt qabel, aħna nagħtu x-xhieda tagħna li fl-istorja tal-gvern Brittaniku hu dejjem żamm mal-ġustizzja u dan inkoraġġieni biex niġbed l-attenzjoni tagħkom dwar xi wħud minn dawn is-sitwazzjonijiet.

Prinċipju ieħor li dwaru aħna tgħallimna biex nerġgħu nġibu lura l-paċi fid-dinja hu biex ma nixxenqux għall-ġid tal-oħrajn. Il-Koran Imqaddes jgħid:

"U tisfurzax għajnejk wara dak li Aħna nkunu kkonċedejna lil xi klassijiet minnhom biex igawdu għal ftit ħin – is-sbuħija ta' din id-dinja ta' issa – biex inġarrbuhom bih." (Kap 20 : V 132)

Ir-regħba u l-għira għall-ġid ta' l-oħrajn huma l-kawża ta' aktar inkwiet fid-dinja. Fuq bażi personali min ipprova jagħmel bħal ħaddiehor, kif jgħidu, irriżulta f'regħba ma taqta' xejn u fit-tkissir tal-paċi soċjali. Kompetizzjoni ta' regħba fuq bażi nazzjonali bdiet u ħaditna lejn il-qerda tal-paċi fid-dinja. Dan hu ppruvat bl-istorja u kull bniedem sensibbli jista' jassessja li x-xenqa għall-ġid ta' l-oħrajn tikkawża nvidja u regħba biex jikbru u din hi s-sors ta' telf.

Hu għalhekk li Alla Omnipotenti jgħid li wieħed għandu jżomm taħt għajnejh ir-riżorsi tiegħu u jieħu benefiċċju minnhom. L-isforz biex ikollok qligħ territorjali hu għat-tfittix ta' benefiċċji tar-riżorsi naturali ta' dak it-territorju. L-għaqda ta' grupp ta' nazzjonijiet li għandhom xi ħaġa komuni bejniethom u l-formazzjoni ta' blokki ta' setgħa qegħdin jieħdu r-riżorsi naturali ta' xi pajjiżi. F'dan ir-rigward, numru ta' kittieba li qabel kienu jaħdmu bħala konsulenti ma' gvernijiet kitbu kotba fejn taw dettalji kif xi pajjiżi ppruvaw jieħdu kontroll tar-riżorsi ta' nazzjonijiet oħra. Kemm dawn il-kittieba ta' min jemminhom huma biss jafu, u Alla żgur li jaf l-iktar, iżda s-sitwazzjoni li toħroġ mill-qari ta' dawn id-dikjarazzjonijiet tikkawża diqa ta' qalb f'dawk li huma lejali lejn il-pajjiżi foqra tagħhom u l-kawża l-iktar importanti għaż-żieda fit-terroriżmu u t-tellieqa għall-armi tad-destruzzjoni tal-massa.

Illum, id-dinja tqis lilha nnifisha bħala iktar moderata, konxja u edukata milli kienet fil-passat. Anke fil-pajjiżi foqra hemm nies intelliġenti li eċċellaw fl-edukazzjoni fil-kamp rispettiv tagħhom. Imħuħ intellettwali fi grad għoli jaħdmu flimkien f'ċentri kbar ta' riċerka fid-dinja. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi wieħed kellu jimmaġina li n-nies kienu jingħaqdu flimkien u jippruvaw flimkien itemmu l-modi ħżiena tal-ħsieb u l-bluhat tal-passat li rriżultaw f'animożitajiet u li wasslu għal gwerer terribbli. L-intellett mogħti minn Alla u l-progress xjentifiku messhom intużaw biex itejbu l-umanità u biex joħolqu metodi permissibbli li wieħed jakkwista benefiċċji mir-riżorsi ta' ħaddieħor.

Alla ta kull pajjiż riżorsi naturali li messhom ġew utilizzati kompletament biex ibiddlu d-dinja f'post ta' paċi. Alla għana ħafna pajjiżi bi klima u ambjent eċċellenti biex ikabbru diversi uċuħ tar-raba'. Kieku kien hemm ippjanar sew biex jużaw teknoloġija moderna għall-agrikoltura, kieku l-ekonomija kienet tissaħħaħ u l-ġuħ kien jinqered mid-dinja.

Dawk il-pajjiżi li huma mogħnija b'riżorsi minerali għandhom jitħallew jiżviluppaw u jinnegozjaw prezzijiet ġusti fil-miftuħ, u pajjiż għandu jibbenefika mir-riżorsi ta' pajjiż ieħor. Għalhekk, dan għandu jkun il-mod ġust, il-mod li hu ppreferut minn Alla li jista' kollox.

Alla li jista' kollox jibgħat il-messaġġiera Tiegħu lin-nies biex huma jkunu jistgħu juruhom il-mod li jressqu lin-nies aktar qrib Alla. Fl-istess ħin Alla jgħid li hemm ħelsien totali f'dak li jirrigwarda l-fidi. Skont it-twemmin tagħna, il-premju u l-kastig ikunu wkoll wara l-mewt. Iżda taħt is-sistema mwaqqfa minn Alla, meta xi ħadd jikkommetti krudeltà kontra l-ħolqien Tiegħu u l-ġustizzja u l-mod ġust jiġu njorati, imbagħad bil-liġijiet tan-natura, l-effetti li jiġu wara jkunu jidhru f'din id-dinja wkoll. Reazzjonijiet ħorox kontra inġustizzja bħal din ikunu jidhru u ma jkunx hemm garanzija dwar jekk ir-reazzjoni tkunx tajba jew ħażina.
Il-mod xieraq kif tirbaħ id-dinja hu li kull sforz għandu jsir biex nagħtu l-pajjiżi l-foqra l-istatus li jixirqilhom.

Argument ta' improtanza kbira llum hu l-kriżi ekonomika ta' dak li qed insejħulu t-tqarmiċ tal-krettu (credit crunch). Minkejja li jidher stramb kollox jipponta lejn fatt wieħed. Il-Koran Imqaddes iggwidana billi jgħid:

'Aħarbu l-interessi għaliex l-interessi huma saħta tant li huma perikolu għall-paċi domestika, nazzjonali u internazzjonali. Ġejna mwissija li dak li jaċċetta l-interessi jum wieħed ikun dak li Satana jkun ikkastigah bil-ġenn. Għalhekk aħna l-Musulmani ġejna mwissija biex naħarbu sitwazzjoni bħal din, nieqfu ninnegozjaw fl-interessi għaliex il-flus li jiġu mill-interessi ma jkabbrux il-ġid tiegħek, għalkemm fid-dieher jidhru li qed jiżdiedu. Hu inevitabbli li jiġi żmien meta l-effetti veri joħorġu. Barra minn hekk, aħna ġejna mwissija li ma nistgħux nidħlu f'negozju ta' interessi, bi twissija li jekk aħna nagħmlu hekk, tkun gwerra kontra Alla.

Dan il-fattur hu ovvju mit-tqarmiċ tal-krettu tal-lum. Fil-bidu kien hemm individwi li ssellfu l-flus biex jixtru propjetà; iżda qabel waslu biex jaraw lilhom infushom sidien tal-propjetà mietu mgħobbija bid-dejn. Iżda issa hawn gvernijiet mgħobbija bid-dejn u milqutin ħażin, daqs kieku bil-ġenn. Kumpaniji kbar fallew. Xi banek u istituzzjonijiet finanzjarji għalqu jew ħarġu bi pleġġ u din is-sitwazzjoni qed tinfirex f'kull pajjiż, kemm jekk hu sinjur jew fqir. Intom tafu aħjar minni dwar din il-kriżi. Il-flus tad-depożitanti sparixxew. Issa jiddependi mill-gvernijiet fuq kif u sa fejn jipproteġuhom. Iżda sadanittant, is-serħan tal-moħħ tal-familji, neguzjanti u mexxejja tal-gvernijiet f'ħafna pajjiżi tad-dinja kważi spiċċa għal kollox.

Din is-sitwazzjoni ma ġġagħlniex naħsbu li d-dinja riesqa lejn il-konklużjoni loġika li t-twissija tagħha kienet ingħatat żmien twil qabel? Alla jaf aktar il-konsegwanzi futuri ta' din is-sitwazzjoni x'se jkunu.

Alla Omnipotenti jgħid: Ersqu lejn il-paċi li tista' tkun biss garantita meta jkun hemm kummerċ pur u ta' ġid u meta r-riżorsi jitqiegħdu għall-użu b'mod proprju u ġust.

Issa nispiċċa dawn il-punti qosra tat-tagħlim tagħna billi nfakkar li l-paċi vera tad-dinja tinstab biss billi nduru lejn Alla. J'Alla Alla jagħmel possibbli li d-dinja tifhem dan il-punt u mbagħad il-bnedmin ikunu jistgħu jaqdu d-dmir lejn id-drittijiet tal-oħrajn.

Fl-aħħarnett, jiena grat lejkom kollha li ġejtu hawn u smajtuni.

Grazzi ħafna.

L-Assoċjazzjoni
Aħmadija Musulmana Malta

**Dar Is-Sliem**

Beatrice Flett 4, Triq Ġiuseppe
Cali' Ta'Xbiex Malta

Tel: +356-21322105
Fax: +356-27322105
Mob: +356-79320139
E-mail
amjmalta@gmail.com

Websajt
www.ahmadija.org.mt

"Imħabba Għal Kulħadd
Mibegħda Għal Ħadd"